# Bniedem jew bniedma li nammira (2)

Jekk filgħodu tara xwejjaħ jaħsel il-karozza bi qmis irrigata u b'qalziet ħafif tax-xogħol, għid li hu Paċikk. Dan huwa bniedem li jien nammira ħafna.

Paċikk huwa għażeb ta' sebgħin sena. Il-mara tiegħu ilha li ħallietna ħames snin. Huwa għandu xagħru ħafif u bajdani. Għajnejh huma bluni u meta nħares lejn għajnejh niftakar fil-baħar sabiħ. Lil Paċikk inħobbu daqs id-dawl t'għajnejja. Ġieli nitħassru meta narah jaħdem xi biċċa njama bħal ma jħobb jagħmel hu, għax l-injam jagħmillu jdejh xierfa. Iżda għalxejn ngħidlu, għax ta min ikun jaf li Paċikk għandu rasu iebsa daqs iż-żonqor.

Paċikk jgħix m'oħtu, u wara nofsinhar tniżżillu bukkun frisk u bnin. Il-kulur favorit ta' Paċikk huwa l-aħmar. Jgħid li dan il-kulur ifakkru fl-imħabba li wera lil martu.

Ħaġa tal-iskantament hi li t-triq tagħna ħadd ma jafha b'isimha iżda kulħadd jafha bħala Triq Paċikk il-mastrudaxxa!

Ta' spiss tmur Ġina għandu tordna xi biċċa għamara. Iżda ġieli tqabbiżhomlu u jiksru l-fus. Ġina hija mara supperva u bla sabar. Paċikk huwa raġel kalm u mhuwiex imnieħru mxammar.

Paċikk ġieli joqgħod jirrakkontali dwar il-gwerra u ż-żmien t'għaks li għaddiet minnu Malta. Paċikk għandu talent sabiħ u dan hu li jaf ipinġi ħafna.

Ġieli nibda ngħid bejni u bejn ruħi li jekk iħallina Paċikk tinqagħtali l-pala t'idi għax ta' min ikun jaf li Paċikk jagħtini daqqa t'id f'kollox.

---